MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1801/1999/1

**Makaw Limited.**

**-vs-**

**Arcidiacono Mfg Co. Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fis-6 ta' Awissu, 1999 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi matul dawn l-aħħar snin is-soċjeta' attriċi biegħet u kkunsenjat lis-soċjeta' konvenuta merkanzija u dana fuq istruzzjonijiet tal-istess soċjeta' konvenuta u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi s-soċjeta' konvenuta wkoll kienet aċċettat u obligat ruħha li

tħallas lis-soċjeta' attriċi xi ammonti li kienu dovuti mis-soċjeta' Dolphin DIY Co. Limited u dana billi din is-soċjeta' attriċi u dana kif sejjer jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi s-soċjeta' konvenuta fadalla tħallas lis-soċjeta' attriċi bħala prezz ta' din il-merkanzija s-somma ta' sebat elef, sitt mija u disa' Liri Maltin u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm9,609.69) liema somma s-soċjeta' konvenuta naqset milli tħallas għalkemm ġiet interpellata diversi drabi.

U illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-soċjta' attriċi huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' konvenuta ma għandhiex l-ebda raġuni jew eċċezzjoni valida x'tagħml f'din il-kawża.

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

Tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebat elef, sitt mija u disa' Liri Maltin u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm7,609.69) bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti prezz ta' merkanzija kif fuq intqal u għar-raġunijiet premessi bid-dispens tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' April, 1998 u 18 ta' Mejju, 1999 kontra s-soċjeta' konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali kontra l-istess soċjeta' konvenuta mid-data tal-konsenja.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Anthony Camilleri, I.D. 43764(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta ppreżentata fl-14 ta’ Frar, 2000 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi in linea preliminari ma ġewx segwiti t-termini speċifikati fl-Artikolu 169 tal-Kap. 12 għan-notifika taċ-ċitazzjoni bil-giljottina u partikolarment għax din ġiet notifikata lis-soċjeta’ konvenuta sitt xhur wara li ġiet preżentata u aktar minn tletin jum qabel id-data ta’ l-ewwel appuntament tagħha.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, fl-ewwel lok, mill-ammont mitlub ta’ sebat elef, sitt mija u disa’ Liri Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm7,609.69), is-somma ta’ ħamest elef, ħames mija u erbatax-il Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm5,514.69) kienet dovuta lis-soċjeta’ attriċi mis-soċjeta’ Dolphin DIY Co. Limited, liema soċjeta’ llum tinsab fi stralċ, u m’għandha x’taqsam xejn mas-soċjeta’ konvenuta.

3. Illi qed jiġi miċħud bl-iżjed mod kategoriku illi s-soċjeta’ konvenuta kienet aċċettat jew obligat ruħha li tħallas lis-soċjeta’ attriċi xi ammonti li kienu dovuti mis-soċjeta’ Dolphin DIY ci. Limited.

4. Illi mis-somma bilanċjali ta’ elfejn u ħamsa u disgħin Lira Maltija (Lm2,095) dovuta lis-soċjeta’ attriċi, import ta’ prezz ta’ merkanzija, għandha titnaqqas is-somma ta’ elf, sitt mija, erbgħa u għoxrin Lira Maltija (Lm1,624), dovuta mis-soċjeta’ attriċi lis-soċjeta’ konvenuta, prezz ta’ għamara fabbrikata fuq inkarigu tas-soċjeta’ attriċi stess u lilha kkonsenjata, liema somom għandhom jiġu kompensati.

5. Illi l-ammont bilanċjali ta’ erba’ mija u wieħed u sebgħin Lira Maltija (Lm471) li hu realment dovut ġja’ ġie depożitat fil-Qorti, mis-soċjeta’ konvenuta fit-30 ta’ Lulju, 1999.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ konvenuta maħlufa mill-P.L. M. Galea Debono u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriż il-verbali tas-seduti.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Jannar, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza wara illi l-Avukati trattaw il-kawża.

Ikkunsidrat;

Ma hemmx kontestazzjoni li l-punt in kwistjoni huwa jekk is–soċjeta’ konvenuta aċċettatx illi tħallas parti mis-somma indikata u li kienu fil-fatt dovuti minn soċjeta’ oħra, Dolphin Co. Limited. Il-bilanċ skond is-soċjeta’ attriċi huma dovuti għal bejgħ li sar lis-soċjeta’ konvenuta. Din ta’ l-aħħar qed tallega da parti tagħha illi mhux minnu li hija aċċetat li tħallas dak li kellu jitħallas minn Dolphin u li fir-rigward tal-bilanċ (fil-verita’ somma ferm inqas) kellha ssir tpaċija ma’ xogħol ta’ għamara (kċina) li kien sar minnha lis-soċjeta’ attriċi; baqa’ bilanċ żgħir li ġie depositat taħt l-Awtorita’ tal-Qorti.

Is-soċjeta’ attriċi esebiet diversi dokumenti fosthom ittra tagħhom lill-konvenut datata 24 ta’ Lulju, 1996 fejn jingħad li l-ammont in kwistjoni ġie mizjud mal-kont tagħhom. Xehed għan-nom tagħhom Tony Camilleri fis-seduta tat-28 ta’ Ġunju, 2000. Skond ix-xhud Renato Arcidicacono kien imexxi kemm is-soċjeta’ Dolphin u dik konvenuta u t-tnejn kienu jixtru mingħandhom. Dan qallu li l-ħanut tad-Dolphin kien se jagħlqu iżda li se jibqa’ miexi bis-soċjeta’ l-oħra u qallu biex il-kontijiet jgħaddihom fuq din is-soċjeta’. Il-ftehim kien bil-fomm. Wara li tħallas ammont żgħir, Arcidiacono qallu li l-flus kienu dovuti minn Dolphin u din kienet qed tiġi likwidata u kwindi ma kienx se jħallsu tagħhom.

Rigward il-kċina qal li kienu aċċettaw li jordnawha mingħand il-konvenuti għas-somma ta’ elf u erba’ mitt Lira Maltin (Lm1,400) u mhux elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin

Lira Maltin (Lm1,624) kif qed isostnu l-konvenuti. Skond hu x-xogħol kien għadu ma tlestiex. Kontro-eżaminat qal li kien minnu li x-xogħol li kien baqa' jsir kellu jitwaħħal fuq il-post u li huma ma kinux qed iħallu lill-konvenuti jidħlu iżda qal ukoll illi l-konvenuti kienu ġew b'ħafna skużi fir-rigward ta' dan. Skond hu, ix-xogħol li laħaq sar

hu ta' ċirka tmien mitt Lira Maltin (Lm800).

Xehdet ukoll Graziella Zarb li kienet skrivana mas-soċjeta' attriċi iżda qabel kienet impjegata mas-soċjeta' konvenuta. Meta kienet impjegata ma' Dolphin, l-imsemmi Arcidiacono kien qalilha li se jagħlaq il-ħanut u kienu bdew ineħħu l-affarijiet billi kienu jixtru *on consignment*. Meta marru ta' Makaw għall-oġġetti li kienu biegħulhom huma, Arcidaciono qalilha biex tħallihom hemm u mbagħad jirranġa ma' Camilleri dwarhom u wara qalilha li kien se jżommhom u tħallas is-soċjeta' l-oħra. Skond hi, l-oġġetti kienu inbiegħu.

Renato Arcidiacono xehed fl-istess seduta u qal li Dolphin ġiet likwidata u fil-każ ta' Makaw ċemplulhom u ġew ħadu l-affarijiet. Sadattant l-istralċjarju tagħha ġab avviż fil-ġurnali biex il-kredituri jagħmlu t-talba tagħhom u sa fejn jaf hu Makaw ma għamlu xejn. Fil-frattemp kienet saret l-ordni tal-kċina u ftehmu dwarha. Bdew jirċievu l-kontijiet u ibnu nduna li l-ammonti dovuti minn Dolphin kienu qed jintbagħtu lilhom bħala Arcidiacono Manufacturing. Ċaħad li qatt aċċetta li dan isir.

Xehed ukoll Franco Arcidiacono iben l-imsemmi Renato, li ukoll caħad dan. Fir-rigward tal-kċina qabel li ma kinitx lesta kollha iżda ma kellhomx xi kwistjonijiet fuqha. Meta reġa' xehed Renato Arcidiacono qal li hu kellu ishma fid-Dolphin *tramite* s-soċjeta' Rafi Limited. Hawnhekk l-atturi esebew kopja ta' skrittura datata 30 ta' Settembru, 1995 bejn Dolphin u Rafi fejn din ta' l-aħħar xtrat sitt elef sehem ta' Dolphin u din ġiet esentata milli tħallas iktar djun. Skond *fax message* mibgħut mill-atturi lill-Avukat tagħhom (fol 115) Rafi kienet responsabbli li tħallas id-djun ta' Dolphin.

Fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2003 xehed John Zammit likwidatur tas-soċjeta' Dolphin li qal li ġie maħtur fit-28 ta' Ġunju, 1996. Huwa qal li ma jaf b'ebda ftehim bejn Dolphin u s-soċjeta' konvenuta. Makaw ma għamlet ebda talba mingħandu għall-ħlas. Reġa' xehed fil-11 ta' Mejju, 2004 u kkonferma li Makaw ħarġu *credit note* a favur ta' Dolphin għall-ammont ta' elfejn, ħames mija

u tmienja u disgħin Lira Maltin (Lm2,598) billi ġew ritoranti xi oġġetti li kienu nbiegħu qabel. Din hija datata 24 ta' Lulju, 1996.

Saret ukoll seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Mariella Gonzi a fol 171 tal-proċess fejn xehed Ivano Arcidiacono li jieħu ħsieb il-kontijiet tas-soċjeta' konvenuta. Qal li kien involut fl-ordni tal-kċina li kellha tkun tiswa ċirka elf u sitt mija Liri Maltin (Lm1,600) u li tagħha Makaw ma ħallsux u allura inqatgħet mill-*invoice* li kellhom jagħtuhom. Ma kellu x'jaqsam xejn ma' Dolphin iżda kienet kumpanija li fiha huma bħala Arcidiacono kellhom ishma. Reġa' ukoll xehed a fol 187 u qal li l-*accounts* ta' Dolphin ma kinux f'idejh.

Il-Qorti għalhekk l-ewwel se tikkonsidra l-ammonti dovuti minn Dolphin lis-soċjeta' attriċi. Il-Qorti m'hix sodisfatta li s-soċjeta' attriċi pprovat illi s-soċjeta' konvenuta b'xi mod aċċettat li tħallas dan l-ammont. Kull ma kellha quddiemha l-Qorti hija d-deposizzjoni ta' Tony Camilleri u ċ-ċaħda ta' Renato Arcidiacono. Anzi l-abbli difensur tas-soċjeta' attriċi għamel ħafna enfasi fuq l-iskrittura tat-30 ta' Settembru, 1995 iżda dan assolutament ma jirrigwardjax is-soċjeta' konvenuta iżda soċjeta' oħra Rafi Limited. Huwa minnu li din ukoll hija soċjeta' li fiha Arcidiacono hu azzjonist prinċipali iżda b'daqshekk ma jfissirx li allura huwa aċċetta li jħallas id-dejn f'isem is-soċjeta' konvenuta li hija għal kollox estranja għal dan il-ftehim. L-ewwel dokumenti li fihom hemm xi riferenza li kien hemm xi trasferiment tad-dejn huma datati Lulju 1996 meta f'Ġunju 1996 is-soċjeta' Dolphin kienet ġja' in likwidazzjoni u allura anke jekk kien sar xi ftehim dan ma kienx jiswa'.

Għalhekk in mankanza ta' prova ċara l-Qorti se tiċħad it-talba attriċi f'dan ir-rigward.

Jibqa' allura l-bilanċ ta' elfejn u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm2,095) u hawnhekk kif ġja' ingħad is-soċjeta' konvenuta qed tallega li elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin (Lm1,624) għandhom ikunu paċuti billi huma kredituri ta' l-atturi għal din is-somma in kwantu huma kkonsenjaw kċina fuq inkarigu tagħhom. Dwar din il-kwistjoni l-provi ma tantx ħarġu ċari għalkemm l-imsemmi Tony Camilleri qal li fil-waqt li kien minnu li huma

kienu ordnaw kċina, din kienet għas-somma ta' elf u erba' mitt Lira Maltin (Lm1,400) u mhux elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin (Lm1,624) u x-xogħol għadu ma tlestiex. Dwar dan il-konvenuti ma xehdux iżda Camilleri qal li jikkalkola li x-xogħol li sar jammonta għal ċirka tmien mitt Lira Maltin (Lm800) iżda mbagħad ammetta meta ġie kontro-eżaminat li x-xogħol li baqa' jsir irid isir fuq il-post. Għalhekk hu probabbli li meta nqalgħet il-kwistjoni bejniethom kollox baqa' kif kien. Is-soċjeta' konvenuta ma ressqitx provi dwar ix-xogħol li effettivament tlesta.

Il-Qorti ma tħossx li s-soċjeta' konvenuta għandha titħallas l-ammont kollu li qed titlob bħala kumpens u għalhekk *arbitrio boni viri* se tillikwida dan l-ammont għas-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000). Kwindi huma jibqagħlhom iħallsu lis-soċjeta' attriċi sitt mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin (Lm624), oltre l-bilanċ ta' erba' mija u wieħed u sebgħin Lira Maltin (Lm471) li huma ddepositaw il-Qorti ġia' fl-1999. Għalhekk jibqa' bilanċ ta' elf u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm1,095). Billi parti minn dan l-ammont ġie depositat il-Qorti u l-bilanċ kellu jkun likwidat mill-Qorti, l-imgħax jibda għaddej mid-data tas-sentenza. Barra minn dan l-ispejjeż se jiġu akkollati lis-soċjeta' attriċi għaliex ma hemmx dubbju li l-kawża ġiet provokata mill-insistenza tagħha li d-dejn ta' Dolphin tassumih is-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ħlief għal dak li se jingħad u**

**għalhekk tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma ta' elf u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm1,095); bl-imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------